MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 38/2014

**GO p.l.c**
**C 22334**

**Vs**

**Kylie Emma Busuttil**
**ID 41125(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Jannar, 2014 illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sebgha u tmienja u sittin centezmu (€767.68) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40100901 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tad-19 ta’ Settembru, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tad-19 ta’ Settembru, 2014 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ seba’ mija u sebgha u tmienja u sittin centezmu (€767.68) bl-imghax legali sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal- konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------